



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8423/22

LIMITE

CORLX 380
CFSP/PESC 530
COAFR 95
CONUN 86
COARM 74
FIN 467

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni (PESK) 2015/740 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fis-Sudan t'Isfel

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta'...

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/740 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/449/PESK¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/740 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/449/PESK (ĠU L 117 8.5.2015, p. 52).

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Annessi II għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra persuna waħda elenkata fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 għandhom jinżammu u li l-entrata għal dik il-persuna jenħtieġ li tiġi aġġornata u nnumerata mill-ġdid.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 tiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness II għad-Deċizzjoni (PESK) 2015/740 , it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
1.	Michael MAKUEI LUETH	Data tat-twelid: 1947 Post tat-twelid: Bor Sudan (issa s-Sudan t'Isfel) Ġeneru: raġel	Michael Makuei Leuth ilu jekkupa l-kariga ta' Ministru għall-Infurmazzjoni u x-Xandir sa mill-2013 u għadu jżomm dik il-pożizzjoni fil-Gvern Tranżizzjonali tal-unità Nazzjonali. Huwa kien ukoll il-kelliem pubbliku għad-delegazzjoni tal-gvern għat-taħditiet ta' paċi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp mill-2014 sal-2015 u mill-2016 sal-2018. Makuei xekkel il-proċess politiku fis-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari billi xekkel permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar ir-Risoluzzjoni tal-Konflitt fis-Sudan t'Isfel (ARCSS) ta' Awwissu 2015 (sostitwit f'Settembru 2018 bl-"ARCSS Rivitalizzat" (R-ARCSS)), billi ostakola l-ħidma tal-Kummissjoni Konġunta ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (JMEC, tal-ARCSS, imsemmija mill-ġdid "JMEC Rikostitwita" skont R-ARCSS) u billi xekkel l-istabbiliment tal-Istituzzjonijiet tal-Ġustizzja Tranżizzjonali tal-ARCSS, li l huwa previst ukoll f'R-ARCSS. Huwa ostakola wkoll l-operazzjonijiet tal-Forza ta' Protezzjoni Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti . Makuei huwa wkoll responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni.	3/2/2018